# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 186/2018 MH**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2018**

**Actif Ltd (C74980)**

**vs**

**Mtrace P.L.C. (C73299)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat** tas-socjeta' attrici tas-27 ta' Frar 2018 li permezz tieghu premettew:

*"Illi s-socjeta' attrici ippresta diversi servizzi professjonali lis-socjeta' konvenuta, fuq inkariku tal-istess socjeta' u dan in konnessjoni ma' progett ta' zvilupp industrijali f'San Gwann fil- Malta Life Sciences Park;*

*Illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tminja u tmenin elf, u hames mit Euro (Euro 88,500.00) liema ammont jinkludi s-somma ta' tletax il elf u hames mit Euro (Euro 13,500.00) taxxa fuq*

*il-valur mizjud, u dan in linea ta' hlas ghal tali prestazzjonijiet u dan hekk kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A1';*

*Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u li sa fejn taf s-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti f'dina l-kawza;*

*Illi s-socjeta' konvenuta kienet accetat dan id-dejn permezz ta' diversi emails u ikomfermat b'email (annessa u mmarkata bhala Dok 'A2');*

*Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas permezz ta' diversi emails, telefonati u meetings, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

*Illi s-socjeta' attrici taf b'dawn il-fatti personalment – Affidavit hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A3';*

*Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' tminja u tmenin elf, u hames mit Euro (Euro 88,500.00) liema ammont jinkludi s-somma ta'  tletax il elf u hames mit Euro (Euro 13,500.00) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta' drittijiet ghal prestazzjonijiet rezi fuq inkariku taghha mis-socjeta' attrici, interessi ta' tminja fil-mija mid-data tal-fattura u spejjez komprizi tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuna, joghgobha:*

*1) Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kap. 12;*

*2) Tilqa' il-Mandat kawtelatorju in kawtela tal-kreditu kif gia' delineat.*

*3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tminja u tmenin elf, u hames mit Euro (Euro 88,500.00)*

*Bl-ispejjez, komprizi tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghax mid-data tal-fattura lis-socjeta' konvenuta li minn issa hi ngunta in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat li jikkonsistu fis-segwenti:

(i) kopja ta' fattura datata 10 t'Ottubru 2016 mahruga lis-socjeta' konvenuta ghal diversi servizzi resi lilha ghas-somma totali ta' €88,500.00[1];

(ii) email datata 1 ta' Settembru 2016 permezz ta' liema s-socjeta' attrici nterpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha l-kont ta' €88,500.00 peress li dan kien ghadu pendenti. Permezz ta' email li ggib l-istess data s-socjeta' konvenuta kienet ikkonfermat u rrikonoxxiet li hija kienet debitrici tas-socjeta' attrici f'dik is-somma u kkommettiet ruhha li thallas tali somma fl-aqsar zmien possibli[2];

(iii) affidavit ta' Joseph Brincat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li qal li l-istess socjeta' kienet ipprestat diversi servizzi professjonali lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha u dan in konnessjoni ma' progett ta' zvilupp industrijali f'San Gwann fil-Malta Life Sciences Park. Huwa xehed li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' €88,500.00 liema ammont jinkludi s-somma ta' €13,500 taxxa fuq il-valur mizjud u dan in linea ta' hlas ghal tali prestazzjonijiet kif indikat fil-fattura esibita. Huwa qal li dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt. Is-socjeta' konvenuta kienet anke accettat dan id-dejn permezz ta' posta

[1] Fol 2 et seq
[2] Fol 7

elettronika pero' nonostante dan, baqghet inadempjenti. Dan anke minkejja li fir-rigward kienu ntbaghtu diversi emails, u saru telefonati u laqghat[3].

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci.

Rat illi waqt is-seduta tal-11 t'April 2018, Joseph Brincat ghan-nom tas-socjeta' attrici ikkonferma bil-gurament li sa dakinhar is-socjeta' attrici kienet ghadha ma thallsitx is-somma ta' €88,500.00 mis-socjeta' konvenuta.

Rat l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ben pruvata.

**Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[3] Fol 8